9 Leġiżlatura

Minuti Numru 20

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 20, miżmuma nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

M' hemm ħadd skużat.

**<u>20.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

Inġibdet l-attenzjoni tas-Sedja, li fil-laqgħa 18, persuna mill-pubbliku qalet diskors dispregjattiv lejn xi kunsilliera u dan ma għandux ikun ittollerat.

**20.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numri (18)(19)**

**Minuti Laqgħa numru 18**

**Pagna 5 Minuti laqgħa 17**

Tizdied il kelma 'minuti' wara 'tapprova'

**Pagna 8 - Item18.4** Rikjesta minn skrivani tal-Kunsill

Wara l-kelma 'telework' tidhol il-kelma 'kuljum'

**Pagna 8- Item 18.4** San Pawl u Triqatu

Wara l-kelma 'lokalita' jizdied 'ressaq proposta biex il-Kunsill jippubblika ir-ricerka tiegħu fi ktieb'.

Jizdied 'Il-kunsill approva'

**Pagna 9-Item18.4** Day Center

Titneħħa il kelma 'jezisti' u tizdied il kelma 'nstab'. Wara il-kelma dipartiment jzdied 'ħlief għal ħlas lil Kunsill ta' dawl u ilma'

**Pagna 9-Item 18.4** Road Damage

Flok il-kelma 'Triq' jidħlu l-kliem 'Il-Kunsill ġie nfurmat li xi ħadd wettaq ħsara fit-triq fejn inqatet ix-xibka'

Minuti 18 gew approvati hekk kif emendati.

**Minuti Laqgħa numru 19**

**Pagna 3-Item 19.5 Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Wara mistoqsija tizdied mill-Kunsillier Anthony Delia lis-Sindku

Wara mistoqsija tizdied mill-Kunsillier Graziella Galea lis-Sindku

**Pagna 4-Item 19.7 Traffic Mirrors**

Tinqata il-kelma 'qed'. Wara proponiet tizdied 'il-policy hekk kif prezentata'. Tinqata il-kelma 'amonti'u tizdied il-kelma 'valur'. Wara infrastrutura ' s-Sindku wieġeb li l-Policy originally diġa ġiet diskussa. Tizdied 'sekondata min Kunsillier Antionette Bezzina'

**Pagna 4-Item 19.8 PA3012/20**

Tizdied 'Ġie rimarkat li dan l-impjant huwa fil-lokalita tan-Naxxar'

**Paġna 6 -Item 19.10 2 Live Cams**

Tinqata il-kelma 'detriment'u tizdied 'deterrent'

**Paġna 6-Item 19.11 Manutenzjoni ta' Funtani**

Wara 'jsir' tizdied 'b'mod immedjat'. Tinqata ' mozzjoni ġiet emendata'

**Paġna 7-Item 19.13 Klassijiet ta' Ezerċizzju Fiziku**

Wara mresqa. Il-Kunsill irringrazja lil Kunsillier Chris Vella Petroni tas-servizz volontarju li ser joffri.

**Paġna 7-Item 19.14 Rapport Amministrattiv 2019**

Il-kelma 'parti' tinbidel għal 'partijiet'. Wara Sindku tizdied 'u l-Kunsilliera tal-minoranza'

**Paġna 7-Item 19.16 Attivitajiet -Awwissu sa Ottubru**

Tizdied 'Għal soluzzjoni dejjiema l-Kunsill għandu jfassal Bye-law'

Paġna 8- Item 19.7.2

Tinqata kelma 'zewġ', tizdied 'laptop ġdid'. Tinqata 'oħrajn' u tizdied 'ieħor'. Tinqata 'tiswa €287.60'.

**<u>20.3 Punti mill-minuti</u>**

**LC Care** – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni ġiet sottomesa

**Day Centre** – Rigward ic-Centru ta' matul il-jum, saret laqgħa mad-Dipartiment tal-Anzjanita Attiva u Kura fil-Komunita, fejn gie stabilit qafas ta' ftehim. Fil-jiem li ġejjin, se ssir laqgħa oħra fil-prezenza ta' l-Awtorità għall-Istandards tal-Kura Soċjali u l-avukati biex tigi ttrattata l-licenzja.

**Malta Athletics Council 10K Run** – Il-Kunsill approva l-attivita bil-kundizzjonijiet stabbiliti fejn l-ebda triq ma ghanda tingħalaq jew li jiġi ostakolat b'xi mod it-traffiku.

**Skrivana** – Tressqet rikjesta minn skrivana li taħdem il-Kunsill li fl-aħħar laqgħa bagħtet ir-rizenja tagħha mill-impjieġ minħabba raguni ta' saħħa, biex il-Kunsill japprova li tiġi rtirata l-istess rizenja u minflok tagħmel perjodu ta' 3 xhur leave mingħajr paga. Il-Kunsill approva.

**19.8 Item: PA3012/20 Bini ta' Inċineratur fil-Magħtab** – Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kienx hemm zviluppi ġodda dwar din l-applikazzjoni.

**19.11 Item: Manutenzjoni ta' funtani** – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-funtana ta' triq il-Fliegu prattikament qeda ssir mill-ġdid. Il-materja prima meħtiega nxtrat.

**19.15 Item: Karavans fil-Qawra** – Il-perit ġie mitlub jagħti l-parir tiegħu rigward il-proposta ta' walk-way max-xatt.

**19.16 Item: Attivitajiet** – L-attivita "Open Festival" skedata għall-Sttembru, 2020 ġiet imħassra mill-Kunsill bħala prevenzjoni kontra tixrid tal-pandemija Covid-19.

Miżura tal-Galmajjistra – Saret laqgħa ma l-MEUSAC kif ukoll ġiet varata mizura 3 fil-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar

<u>**20.4 komunikazzjoni mis-Sindku**</u>

**Rikjest sabiex issiru 4 toqob għal arbli tal-Festa**

Il-Kumitat tal-festa biex il-Kunsill j'awtorizza li jsiru 4 toqob għal arbli tal-festa.

Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li jitħalla access għal wheel chair kif ukoll li l-ebda arblu ma jitqieghed taħt il-bankina meta t-triq tkun miftuħa għat-traffiku. Meta it-toqob ma jkunux qed jintuzaw irridu jingħalqu.

**Systema EPOS**

Saret talba sabiex tibda tintuza Epos system għal uzu tal-ufficju amministrattiv.

Il-Kunsill approva.

**Ferrovija ta' tfal**

Il-Kunsill irċeva rikjest mingħand Domenico Rocco Russello  għal permess għal tqegħid ta' ferrovija fix-Xemxija.

Il-Kunsill ma approvax minħabba l-fatt li s-sit indikat huwa bankina.

**Tellieqa 10k f'Burmarrad**

Il-Kunsill irċeva rikjest għal no objection mingħand PR &Marketing sabiex issir tellieqa ta' 10 kilometri f'Burmarrad il-Ħadd, 30 ta' Awwissu 2020.

Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet stabbiliti fejn l-ebda triq ma għanda tingħalaq jew li jigi ostakolat b'xi mod it-traffiku.

**Collaboration on Green Spaces**

Il-Kunsill irċeva kommunikazzjoni mingħand Friends of the Earth Malta għal inizjattiva "Collaboration on Green Spaces".  Dawn esprimew interess li b'koloborazzjoni mal-kunsill jinħolqu ġonna tal-komunità u / jew żoni ta' pollinator permezz ta' fondi DPF kif ukoll proġett ta' Installazzjoni ta 'soqfa solari ekoloġiċi f'ġonna u fuq bini pubbliċi u privati permezz ta' lis-skema LIFE.  Il-Kunsill qabel li tkun mistħarga din il-koloborazzjoni u li għandha ssir laqgħa bejn Friends of the Earth Malta u l-Bord ta' l-Infrastruttura.

**Permanent Sustainable Mobility Measures Competition – Transport Malta**

Il- Kunsill irċeva applikazzjoni sabiex jiparteċipa f' Mizura ta' Sustainable Mobility Measures . Il-Kunsill approva li jieħu sehem f'parti minn l-inizjattiva fejn abbinat magħha

hemm premju ta' €50,000 ghall-ewwel post u €30,000 għal min jigi t-tieni. Ġew proposti zewg inizjattivi, waħda xiri ta' vettura/i għal passiġġieri li jaħdmu bl-elettriku li jgħinu biex jitnaqqas t-traffiku mic-centru tal-lokalita. Proposta l-oħra kienet investiment f'dagħajsa li taħdem bl-elettriku ghal-traġitti bejn naħa u oħra tal-lokalita. Is-Sindku Alfred Grima ħeggeg lill-kunsilliera biex jibaghtu s-suggerimenti tagħhom. Informa, li fit-13/8/2020 il-kunsill kien se jipparteċiepa f'Work Shop ta' informazzjoni relatata mas-suġġett.

**Ilment mingħand resident dwar l-istabiliment Nine Lives**

Ilment mingħand resident rigward allegazzjoni ta' diversi rregolaritajiet mill-istabiliment Nine Lives, Bugibba. Fl-ilment jissemma li fil-kundizzjonijiet tal-permess kif ukoll fil-pjanta maħruga mill-Awtorita ta' l-Ippjanar hemm iddikjarat li l-permess huwa għal beach lido (CLASS 4D) u mhux għal xi club (music) jew disco b'muzika għolja u bla kontroll kif qed issir. Fejn Class 4D ifisser licenzja ta' Food & Drink Establishment wherein cooking is allowed. Fil-pjanta (proposed level -3b) hemm iddikjarat EXISTING BEACH – NO CHANGES, fejn fil-fatt hemm tibdiliet mhux hazin, fosthom struttura tal-hadid u l-injam fuq il-bajja. L-ilmentatur iddikjara, li huma mhux qed joggezzjonaw ghal beach lido imma minhabba li l-izvillupatur li sar qed immur kompletament kontra l-permessi mahruga.

Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jersaq għall-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti.

**Triq Ruġġiero Loria**

Il-Kunsill irċeva mingħand s-sid tal-lukanda Palazzin biex it-triq Ruggiero Loria tinfetaħ għat-traffiku.

Il-Kunsill qabel li dan is-suġġeriment jersaq għall-attenzjoni ta' IM.

**L-Awtorita ta' l-Ippjanar applikazzjoni PC 0037/20**

Tibdil fl-alignment tat-triq. Il-Kunsill gie pprezenta bil-pjanti li ntbagħtu mill-perit tal-Kunsill fejn jidher li t-tibdil propost ftit li xejn sejjer jaffetta t-triq pubblika.

**20.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet

**20.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –**

**20.6.1 Rapport ta' Evalwazzjoni -** ***TenderContracts Manager SPB T/06/2019***

Rapport ġie approvat kif tressaq

**20.6.2 Rapport ta' Evalwazzjoni –** ***Tender Refurbishing of Public Convinience SPB T/01/2020***

Rapport ġie approvat kif tressaq

**20.7 Item: Approvazzjoni tal-Bye-Law ta' xorb alkoholiku f'postijiet publici**

Il-Kunsill radd ħajr lic-Chairperson tal-Bord is-Sur Charles Galea, lill-membri tal-Bord il-Vici Sindku, Daryl Connor, il-Kunsilliera Carlos Zarb, Graziella Galea u Anne Fenech kif ukoll lis-Sinjura Ms Isabella Debattista għal kontribut tagħhom. Wara diversi nterventi, tressqet mozzjoni mis-Sindku Alfred Grima, sekondata mill-Kunsillier Carlos Zarb u Graziella Galea favur li l-Kunsill j'approva l-Bye-Law hekk kif miktuba mill-avukat tal-Kunsill fid-9 ta' Awwissu, 2020, bid-differenza;

a) Illi, "ix-xtut" jitneħħew mill-lista ta' postijiet pubblici ta' fejn wieħed ma jistax jixrob xorb alkoholiku.
b) Illi, mal-lista ndikata, item 5 ta' l-istess Bye-Law jizdiedu "l-lukandi u guest houses". Fejn dawn huma obligati li jwaħħlu b'mod permanenti l-istess avviż man-notice board prinċipali.

Il-mozzjoni għaddiet unanimament

**20.8 Item: Bye-Law Dghajjes**

Is-Sindku semma, li wara l-azzjonijiet li ttieħdu mill-pulizija u TM bil-koloborazzjoni tal-Kunsill fejn tnaddfu l-akkwati tal-mollijiet kollha madwar il-lokalita minn bċejjeġ tal-baħar u zgombru ieħor, issa tinħass il-ħtiega, li b'mod immedjat il-Kunsill ifassal Bye-Law li tgħin tinzamm l-ordni u l-indafa , hekk kif hemm f'lokalitajiet oħra. Għal dan il-għan inħatar Bord magħmul mis-Sur Charles Galea bħala Chairperson, Kunsilliera Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Attard u Chris Vella Petroni

**20.9 Item: PA/04718/20 Applikazzjoni ta estensjoni Pompa tal-fuel Burmarrad**

Is-Sindku Alfred Grima ipprezentati l-pjanti marbuta ma l-applikazzjoni PA /04718/20 fejn inqrat nota mibgħuta mill-perit tal-kunsill kif ukoll l-oggezzjoni li tressqet mill-Moviment Graffiti.

Il-perit qal, li l-policy il-ġdida dwar il-pompi tal-fjuwil ma ssemmi xejn rigward postijiet tal-ikel. la li tippermettihom u lanqas li le. Il-pjanijiet juru li minflok spazji ħodor u l-parkeġġi eżistenti hemm ippjanat li jinbena ristorant fil-livell tas-sular ta' taħt it-triq, fil-pjan terran u fl-ewwel sular (tlieta b'kollox). Il-perit irrimarka, li l-proġett se jiġġenera movimenti addizzjonali tat-traffiku ġewwa u barra l-pompa tal-fjuwil. Fl-opinjoni tagħhom, l-inklużjoni ta 'restorant f'pompa tal-fjuwil imur kompletament barra l-ambitu ta' stazzjon tal-fjuwil, li għalih l-art ODZ diġà ġiet meħuda b'skuża li l-pompi tal-fjuwil għandhom jiġu akkomodati fiż-żoni ODZ u 'l bogħod mir-residenti. Ir-ristoranti huma ta 'klassi differenti u għalhekk ma hemmx ħtiega li jigu f'żoni ODZ. L-approvazzjoni ta 'din l-applikazzjoni żgur toħloq preċedent perikoluż.

Il-Moviment Graffiti qalu li l-policy ezistenti ma tippermettiex li dan l-iżvilupp iseħħ (policy riveduta 2020) tant li din tghid: "Barra minn hekk, żvilupp mill-ġdid, bidla fl-użu jew estensjonijiet ta' pompi tal-fjuwil eżistenti li jinsabu parzjalment jew kompletament f'ODZ m'għandhomx jiġu kkunsidrati". Għalhekk, l-iżvilupp propost ma ghandux jitħalla jsir minħabba li skond il-policy bidla fl-użu tal-pompa tal-fjuwil fuq art ODZ ma tistax tigi kkunsidrata. Qalu ukoll, li l-istess policy tiddikjara li: "Kwalunkwe faċilitajiet ta 'catering

huma permessi biss fil-pjan terran. L-iżvilupp propost jikkonsisti f'ristorant ta 2 sulari li jmur kontra l-politika kurrenti. Barra minn hekk, tali faċilità ta 'catering enormi ma tista' bl-ebda mod tiġi interpretata bħala "ristretta".

Tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Graziella Galea, sekondata mill-Kunsillier Anthony Delia favur li l-Kunsill joġġezzjona ghal din l-applikazzjoni minħabba li tmur kontra l-policy ezistenti.

Favur: Sindku Alfred Grima, Kunsillier Graziella Galea, Carlos Zarb, Anthony Delia, Stephen Cremona, Anne Fenech, Chris Vella Petroni, Antionette Bezzina,Anthony Angelo Attard

Kontra: Ħadd

Astenzjoni: Vici Sindku Daryl Connor, Kunsillier Mario Salerno, Paul Bugeja, Alfred Bray

**20.10 Item: Installazzjoni ta' dwal godda – Triq l-Istamnar, Triq it-Tamar, Triq Annetto Caruana, Triq il-Kahli u Triq il-Klamari**

Il-Kunsill ġie prezentat b'stiema ta' €62,250.85 (VAT inkluz), maħruga mill-Inġinier tal-Kunsill għall-installazzjoni ta' dwalijiet ġodda fi Triq l-Istamnar, it-Tamar, Annetto Carauna, Triq il-Kaħli u Triq il-Klamari għal din l-ispiza ser issir applikazzjoni Development Project Fund tal-Planning Authority.

Il-Kunsill approva

**20.11 Item: Slow Street Project**

Il-Kunsill ġie nfurmat li din l-inzjattiva ġiet irtiratta mir-Reġjun Tramuntana.

**20.12 Item: Proposta Belisha lights Triq Toni Bajada kantuniera ma' Triq Sant'Aristarku**

Saret proposta sabiex titressaq rikjesta ma TM għal installazzjoni ta' Belisha lights fi triq Toni Bajjada kantuniera ma Triq Sant Aristarkus.

Il-Kunsill approva.

**20.13 Item: Parkegg skola Qawra**

Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex possibilment iressqu proposti li jistaw jiġu nkorporati f'abboz biex finalment isir ftehim mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar il-parkegg ta' l-iskola tal-Qawra. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss mil-Bord tal-Infrastruttura

**20.14 Item: Proposta ta' Kollaborazzjoni – Bognor Aquatic Club**

Il-Bord ta' l-Isport tal-Kunsill ressaq il-proposti tiegħu dwar ftehim ta' koloborazzjoni bejn il-Bognor Aquatic Club u l-Kunsill dwar l-uzu tal-pitch tal-baskitbol. Ġie deciz, li qabel isiru aktar laqgħat issir verifikazzjoni ma Sport Malta dwar fhiex jikkonsistu d-drittijiet li jgawdi l-Kunsill minn artijiet pubblici fil-lokalita mogħddija mill-gvern għal skopijiet sportivi.

Il-laqgħa ma tkomplitx għaliex kien qabez il-ħin stabbiliet għal-laqgħa

Il-laqgħa waqfet 8.30pm

**20.15 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oggetti/servizzi**

Dan is-suġġett ma ġiex diskuss

**20.16 Item: Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Ma sarx aġġornament

| | |
|---|---|
| ____________________ | ________________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |